Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 471/2015

Il-Pulizja

Vs

Jonathan Attard

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Attard detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 423584M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet different, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jiqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

(1) Naqas li jghati lil Raisa Micallef, is-somma ta' 100 EUR fil-gimgha, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum minn dak il jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 338(z) tal-kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu erba' (4) xhur prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispejkkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jonathan Attard huma s-segwenti w cioe':-

1. L-aggravju – illi l-appellanti jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tentu kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien ghadu mhuwiex f'posizzjoni li jhallas il-manteniment imsemmi.

   Illi l-appellanti ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba li mhux biss huwa kien ghadu kemm fetah negozju sabiex jibda` jipprattika bhala tattoo artist, liema negozju gabu f'hafna pizijiet u hafna diffikultajiet finanzjarji, izda issa dan in-negozju qieghed jisfaxxa fix-xejn u jfalli.

   Fil-fatt fil-prezent in-negozju tal-esponent falla tant li anke n-numru tal-VAT nehha u anke l-krija u gestjopni ma qieghda ssir xejn.

   Illi l-appellanti sab ruhu rinfaccjat b'cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, fejn huwa pprova jaghamle ghall-ahajra izda sfalu fix-xejn.

   Illi kienu d-dikjarazzjonijiet foloz tal-parte civile li wasslu sabiex jigi fis-sehh digriet bhal dan mertu ta' dan l-appell li qieghed iwassal lill-appellanti sabiex jiskonta diversi pieni l-habs.

   Illi fis-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Said deciz fid-9 ta' Lulju, 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

   'l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-

ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament'

Illi fis-sentenza deciza fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Azzopardi deciza fis-26 ta' Settembru, 2011, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (per Imhallef Dr. David Scicluna) gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il-Pulizija vs Publius Said, 'konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, irrevokatha in kwantu kkundannat lil appellant ghal-xahar prigunerija u minflok ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.'

Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Gafa, deciz fl-1 ta' Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Awwissu, 2009, Settembru, 2009, Ottubru, 2009 u Novembru, 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2048).

Illi nonostante dan, dwar din il-piena msemmija f'din is-sentenza citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat is-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa` xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2048) fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija'

Illi fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Brincat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju, 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx manteniment ghax-xhur ta' Gunju, 2011 u Lulju, 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghall-sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-Artikolu 28H tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din l-onorabbli Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u biddlet u rrevokat il-piena ta' 'xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihalas ammenda ta' €58.'

Ghalhekk tenut kont tal-verosimilita' tal-kaz tal-appellant ghal dawk tas-sentenzi hawn fuq citati l-appellanti jikkontendi li hemm lok ghall mitigazjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jinsab akkuzat illi naqas milli jissoministra l-manteniment lil Raisa Micallef ghax-xhur bejn Frar 2015 u Mejju 2015 dan meta kien hekk ordnat illi jaghmel b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tad-19 ta' Ottubru 2012 fl-ammont ta' €100 kull gimgha ghal bintu minuri.

Illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' erba xhur prigunerija u dana wara li sabitu hati ta' dina l-akkuza. Illi ghalkemm fl-aggravvji minnu imressqa l-appellanti ma jikkontestax id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghar-rigward tas-sejbien ta' htija ghal l-akkuza migjuba kontra tieghu u iddikjara illi mhijiex l-intenzjoni tieghu illi jahrab minn dan l-obbligu tieghu li jissoministra il-mantniment ghal bintu minuri, madanakollu jilmenta illi l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva.

Illi fil-fatt dan l-animu ta'l-appellanti gie muri lil din il-Qorti fil-mori ta' dan l-appell billi huwa hallas parti mill-ammont dovut u intrabat illi ihallas il-bilanc rimanenti. Premess dan allura hija il-fehma ta' din il-Qorti illi fl-eventwalita li ikun hemm konferma tas-sentenza impunjata allura tinsorgi biza rejali illi l-appellanti ma jonorax dan l-obbligu u ma ikunx jista' iwettaq l-impenn tieghu li ihallas il-bilanc dovut. Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha x'kien il-hsieb tal-legislatur meta introduca dina l-kontravvenzjoni fil-kodici penali taghna bil-penali horox li iggorr maghha.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[1]

F'dan il-kaz jidher li dan l-ghan intlahaq tant illi ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja, madanakollu minhabba illi l-appellanti qieghed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-

[1] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf

appellanti jispicca inkarcerat, u ghalhekk minghajr introjtu, l-parti leza ser tigi ipprivata milli tircevi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' erba' xhur prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-appellanti ihallas lil Raisa Micallef s-somma ta' €1600 u dana bhala kumpens ghall-manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuza li baqa' ma giex effetwat u dan fi zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur